MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 163/2010

**Education Limited (C15368)**

***kontra***

**Censu Collection Company Limited (C23103)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors guramentat presentat fid-19 ta' Frar 2010 li jaqra hekk -

*1. Illi r-rikorrenti huma kredituri tal-intimat fis-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u hamsa u disghin Euro u sebgha u tletin centezmu (EURO 13,995.37) oltre l-imghax legali mill-21 ta' Novembru 2008 ta' servizzi edukattivi li huma taw lis-socjeta' intimata ossija lil diversi individwi mibghuta lis-socjeta' rikorrenti mill-intimat biex dawn ikunu jistghu jitghallmu l-Ingliz.*

*2. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u jirrizulta minn Statement of Account hawn anness u mmarkat bhala dokument A.*

*3. Illi b'ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 2009, li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B talbu lill-intimati jhallsu dan id-debitu oltre l-imghax legali.*

*4. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167 / 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jigi deciz bid-dispensa tas-smigh billi l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni valida fil-ligi xi jressqu kontra t-talba tar-rikorrenti.*

*5. Illi r-rikorrenti jafu personalment il-fatti ghal dak li jirrigwarda dak kollu premess. Dwar dan jistriehu wkoll fuq ix-xhieda ta' dawk il-persuni kollha ndikati fil-lista tax-xhieda annessa ma' dan ir-rikors.*

*Ghaldaqstant jghidu l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensata mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 / 170 ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :*

*(i) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167 / 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*(ii) tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu s-somma ta' EURO ta' tlettax-il elf disa' mija u hamsa u disghin Euro u sebgha u tletin centezmu (EURO 13,995.37) oltre l-imghax legali mill-21 ta' Novembru 2008 ta' servizzi edukattivi li huma taw lis-socjeta' intimata ossija lil diversi individwi mibghuta lis-socjeta' rikorrenti mill-intimat biex dawn ikunu jistghu jitghallmu l-Ingliz.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 240/10 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija rikorrenti u d-dokumenti li kienu annessi mar-rikors guramentat.

**Rat** id-digriet tal-25 ta' Marzu 2010 fejn din il-Qorti ddikjarat li kienet sodisfatta li l-kumpannija konvenuta kellha eccezzjonijiet validi x'taghti fir-rigward tat-talbiet attrici u ghalhekk tat lill-kumpannija konvenuta zmien ghoxrin (20) jum sabiex tipprezenta r-risposta mahluf.

**Rat** ir-risposta guramentata tal-kumpanija konvenuta presentata fl-14 ta' April 2010 li taqra hekk –

*1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici m'huwiex kollu dovut stante illi matul is-sena 2009 gew effetwati zewg pagamenti akkont li rriducew sostanzjalment l-ammont dovut kif ukoll ghar-raguni illi ammont iehor li qed jigi reklamat mis-socjeta' attrici m'huwiex dovut.*

*2. Illi f'Gunju 2009 sar pagament fl-ammont ta' elf u tnejn u tletin Ewro (€1,032) minghand Selcuk Kacukkaya, direttur tas-socjeta' konvenuta direttament lil Marthese Padovani l-accountant tas-socjeta' in akkont.*

*3. Illi sussegwentement fis-26 ta' Ottubru 2009, sar pagament iehor permezz ta' BOV cheque numru 933 fl-ammont ta' elf, mitejn u tmienja u tmenin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,288.97), kopja tac-cheque hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "GC1" liema gie msarraf kif indikat fuq l-anness statement immarkat Dok. "GC2".*

*4. Illi inoltre, fl-istess Statement of Accounts (Dok. A) precitat, hemm ukoll invoice indikat bin-numru 37894 fl-ammont ta' elf sitt mija u tlieta u disghin Ewro u tlettax-il centezmu (€1,693.13) li s-socjeta' konvenuta qatt ma rceviet u dan stante illi l-istess socjeta' konvenuta qatt m'ghamlet din il-booking mas-socjeta' attrici.*

*5. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu ridotti minn tlettax-il elf disa' mija u hamsa u disghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€13,995.37) ghal disat elef u disa' mija u wiehed u tmenin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€9,981.27) bl-ispejjez kontra taghhom. Inoltre,*

*l-imghaxijiet dovuti ghandhom jibdew japplikaw mill-5 ta' Dicembru 2009, id-data ta' l-ahhar pagament in akkont.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija intimata flimkien mad-dokumenti li kienu annessi mar-risposta guramentata.

**Rat** in-nota tal-kumpannija rikorrenti presentata fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2010 (fol. 20) li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta' tnax-il elf u mitejn Euro (€12,200) bl-imghax legali mis-16 ta' Dicembru 2009.

**Rat** in-nota tal-kumpannija intimata presentata fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2010 (fol. 21) fejn ammettiet it-talba attrici fl-ammont ta' tnax-il elf u mitejn Euro (€12,200) u bl-imghax legali mis-16 ta' Dicembru 2009 skond kif indikat fin-nota attrici (fol. 20).

**Rat** il-verbal tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2010 fejn qablu li l-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal kwart mill-kumpannija rikorrenti u in kwantu ghal tliet kwarti mill-kumpannija intimata.

**Rat** li bl-ammissjoni da parti tal-kumpannija intimata tat-talbiet attrici kif ridotti, dawk it-talbiet kienu debitament ippruvati.

**Ghalhekk in vista tal-premess din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Fl-ewwel lok, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.**

**Fit-tieni lok, tilqa' t-tieni talba kif ridotta u limitata billi tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas lill-kumpannija rikorrenti l-ammont ta' tnax-il elf u mitejn Euro (€12,200) bl-imghax legali mis-16 ta' Dicembru 2009.**

**<u>Fit-tielet lok</u>, tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal kwart mill-kumpannija rikorrenti u in kwantu ghal tliet kwarti mill-kumpannija intimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------